C/2026/6120

19.11.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12568 – BCFR / DEEPOCEAN / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/6120)

1. Fid-9 ta' Novembru 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Bogusław Cupiał Fundacja Rodzinna ("BCFR"), il-Polonja, ikkontrollata mis-Sur Bogusław Cupiał, persuna fiżika Pollakka,

— DeepOcean Investco 1 AS ("DeepOcean"), il-Polonja, ikkontrollata minn Triton Partners, il-Lussemburgu.

BCFR u DeepOcean jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Funamachi sp. z.o.o, kumpanija li għadha kif inħolqot tikkostitwixxi impriża konġunta (il-"JV").

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma fil-JV.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— BCFR hija fondazzjoni tal-familja Pollakka li permezz tagħha s-Sur Cupial jikkontrolla lil Tele Fonika Kable S.A. ("TFK") u lil JDR Cable Systems (Holdings) Limited ("JDR"). TFK hija attiva fil-manifattura u l-bejgħ ta' kejbils elettriċi, filwaqt li l-grupp JDR huwa attiv fil-qasam tas-sistemi tal-kejbils sottomarini,

— DeepOcean tipprovdi servizzi ta' spezzjoni, manutenzjoni u tiswija, stħarriġ u intervent f'qiegħ il-baħar, kostruzzjoni taħt il-baħar, installazzjoni ta' kejbils sottomarini u servizzi ta' tħaffir ta' trinek, riċiklaġġ u dekummissjonar, inġinerija u ġestjoni tal-proġetti, kif ukoll operazzjonijiet diġitali u remoti relatati.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-JK li għadha kif inħolqot se jkunu l-provvista u l-installazzjoni ta' kejbils interarray sottomarini fiż-ŻEE.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]), għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12568 — BCFR / DEEPOCEAN / JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË